MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Numru. 69/2011

**Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Colin Farrugia**

Numru: 69/2011

Illum 5 ta' Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Colin Farrugia**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Henry u Liberta neé Borg, imwieled Pieta', Malta, nhar it-12 ta' Settembru, 1981, u joqghod fil-fond numru 38, Giza, Triq Salvu Aquilina, Mosta, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 511281(M), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn

it-28 u d-29 ta' Mejju 2011, ghall-habta tal-kwarta ta' filghodu (00.15hrs) gewwa x-Xaghra Ghawdex:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tessie Spiteri (I.D. Nru. 84251G), hekk skont kif gie iccertifikat minn Dr. J. Vella MD;
2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tat-tfajla tieghu Victoria Spiteri (I.D. Nru. 428201L), hekk skont kif gie ccertifikat minn Dr. M. Saliba MD;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-persuni ta' Tessie Spiteri u tat-tfajla tieghu Victoria Spiteri (Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tapplika l-provvedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta' Dicembru 2011 (*a fol.* 52) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 215, 218(1)(a), 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2012, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita (*a fol.* 66).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Mejju 2011 kien hemm argument bejn l-imputat u t-tfajla tieghu Victoria Spiteri, f'liema argument kienet involuta omm Victoria Spiteri, Tessie Spiteri b'konsegwenza ta' liema argument Tessie Spiteri sofriet feriti ta' natura gravi.

Illi fl-istqarrija (Dok. "F" – *a fol.* 15 *et seq.*) rilaxxat mill-imputat lill-Pulizija, l-imputat jghid li waqt li hu u t-tfajla tieghu Victoria Spiteri kellhom xi jghidu, Victoria Spiteri hebbet ghalih u tatu xi daqqiet, f'liema hin dahlet bejniethom Tessie Spiteri biex tifridhom u wara li Victoria Spiteri tatu daqqa ohra, hu mbotta lil Victoria biex jiddefendi lilu nnifsu u f'dan il-hin Victoria u ommha waqghu mal-art bil-konsegwenza li Tessie Spiteri kisret idha.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2011, xehed **Dr. Joseph Vella** (*a fol.* 21) fejn, filwaqt li kkonferma c-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "D" (*a fol.* 11), qal li l-griehi sofferti minn Tessie Spiteri gew klassifikati bhala gravi minhabba l-ksur li l-istess Spiteri sofriet f'minkbejha u fi spallietha.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011, xehed **Dr. Mario Saliba** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn ikkonferma c-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 10), liema certifikat jirrigwarda l-griehi hfief sofferti minn Victoria Spiteri.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011, xehdet ukoll **Victoria Spiteri** (*a fol.* 37 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-incident, peress li l-imputat kien xorob xi ftit, ma kienitx halliet lill-istess imputat jerfa' lit-tifla taghhom u x'hin marret biex taghlaq il-bieb tal-kamra biex l-imputat ma jidholx, l-imputat imbotta lilha u lill-ommha bil-

konsegwenza li hi (Victoria Spiteri) sofriet xi griehi hfief. Spiteri qalet ukoll li kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li kien ghamel u li ma xtaqetx li l-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat jissoktaw. Tispjega li qabel dak li gara f'Mejju 2011 hi u l-imputat kellhom relazzjoni ta' madwar hames snin minn liema relazzjoni kellhom tifla u liema relazzjoni regghu komplewha lejn Settembru 2011. Tghid li ommha spiccat giet operata ghax kellha xi ksur.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011, xehdet ukoll **Tessie Spiteri** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn xehdet li bintha Victoria qaltilha li l-imputat ma kienx jiflah isuq ghax kien fis-sakra u li wara li bintha Victoria hadet it-tifla minn idha biex tpoggieha fil-*cot* u marret biex taghlaq il-bieb tal-kamra biex l-imputat ma jerfaghhiex peress li kien fis-sakra, l-imputat beda jimbuttaha u hi (Tessie Spiteri) marret izzommu bil-konsegwenza li l-imputat spicca mbotta t-tnejn li huma mal-art. Tispjega li spiccat bi ksur fi spallitha u fil-minkeb.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Mr. Raymond Aquilina** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn qal li l-griehi sofferti minn Tessie Spiteri kienu griehi gravi *per durata* peress li biex l-ghadam jghaqad idum aktar minn sitt (6) gimghat.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, rega' xehed **Mr. Raymond Aquilina** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Novembru 2011 rega' ezamina lil Tessie Spiteri u qal hekk:

*"Il-ksur li kellha fil-minkeb kien ghaqad kif ukoll il-ksur li kellha hdejn l-ispalla fil-humerus, dawn kienu t-tnejn fuq in-naha tal-lemin. Il-funzjoni tal-minkeb kienet tajba pero ma kinitx tiddrittaha perfettament. Rigward l-ispalla kien hemm sinjali ta' infjammazzjoni fil-gok tal-ispalla u ghamilnilha steroid injection biex nehilsu minn dik l-infjammazzjoni. Ghandna nergghu narawha qisu xahar jew xahrejn ohra u rridu nikkunsidraw imbaghad biex inehhu l-wires li ghandha fil-minkeb, fejn konna operajniha"* (*a fol.* 55-56).

Meta mistoqsi rigward il-griehi, jghid hekk:

*“Rigward il-minkeb [...] l-impairment huwa minimu, jekk jezisti. [...] Rigward l-ispalla rridu naraw kif kienet ir-rizultat tal-injezzjoni li ghamilna. Generalment, jekk ikolli niehu globalment, disgha minn kull ghaxra (9/10) b’labbra wahda jfiequ. Imma dan ghad irridu nikkonsidrawh. U jekk tfiq tigi bhal minkeb kwazi kwazi ghar-normal terga’”* (*a fol.* 56).

Illi, fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2012, regghet xehdet **Tessie Spiteri** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn qalet li kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li ghamel u li ma kienetx giet sforzata minn hadd biex tasal ghal din id-decizjoni. Tghid li m’ghandha l-ebda interess f’dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Feriti ta’ Natura Gravi fil-konfront ta’ Tessie Spiteri)</u>:**
Illi m’hemmx dubju li mill-provi akkwiziti jirrizulta li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata. Fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju, l-Avukat Generali jelenka, fost l-ohrajn, Artikoli 214, 215, 218(1)(a) u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghax-xhieda moghtija minn Mr. Raymond Aquilina f’dawn il-proceduri, kif ukoll ghall-kwotazzjonijiet mid-depozizzjoni tieghu ndikati aktar qabel f’din is-sentenza, taghmel riferenza wkoll ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta’ Awissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

“Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta’ offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta’ ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta’ tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta’ xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala’ xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta’ dik l-offiża”.

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta’ Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

“Il-kwistjoni ta’ jekk offiza hiex wahda hafifa u ta’ importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta’ fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta’ guri, ghalhekk, rimessa f’idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f’idejn il-gudikant ta’ l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq “opinjoni medika”. It-tabib jew tobba jispjegaw x’irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma’ xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati.  Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta’ dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta’ l-offiza”.

Illi, in segwitu ta’ dan, il-Qorti ma jirrizultalhiex li giet kagunata debbuliza permanenti fis-sahha kif rikjest taht Artkolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minkejja dan, jirrizulta sodisfacentement pruvat dak provdut taht Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’hekk l-imputat ser jigi misjub hati li kkawza griehi ta’ natura gravi fil-konfront ta’ Tessie Spiteri taht dan l-Artikolu.

Illi, mic-certifikat tat-twelid ta’ Tessie Spiteri (Dok. “H” – *a fol.* 61) jirrizulta li l-imsemmija Spiteri twieldet fl-10 ta’ Dicembru 1951 u ghaldaqstant ghalqet is-sittin sena fl-10 ta’ Dicembru 2011 u b’hekk m’hemmx dubju li dak provdut taht Artikolu 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Feriti ta’ Natura Hafifa fil-konfront ta’ Victoria Spiteri)</u>:**
Illi, fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2011, Victoria Spiteri (*a fol.* 39) qalet li kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li kien ghamel u qalet ukoll li ma xtaqetx li l-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat jissoktaw.  Ghaldaqstant, il-Qorti ser

tghaddi biex tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**
**(Hebb fil-konfront ta' Tessie u Victoria Spiteri):**
Illi, tenut kont dak li nghad fil-paragrafu precedenti, maghdud ma' dak li xehdet Tessie Spiteri fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 67 *et seq.*), fejn qalet li kienet tahfer lill-imputat ghal dak li ghamel u li ma kellha l-ebda interess f'dawn il-proceduri, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-procediment ezawriet anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li hija biss l-ewwel (1) imputazzjoni li giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni li giet pruvata, l-istat li kien fih l-imputat meta kkommetta din l-imputazzjoni, il-fatt li Tessie Spiteri u Victoria Spiteri hafru lill-imputat ghal dak li kien ghamel u li ma kellhom ebda interess f'dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat u t-tfajla tieghu Victoria Spiteri regghu nghaqdu f'relazzjoni flimkien u l-fatt li Tessie Spiteri accettat lill-imputat bhala parti mill-familja taghhom. Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha taghti sentenza ta' prigunerija jew ta' wahda sospiza fil-konfront tal-imputat pero temmen li ghandu jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghhom, *stante* rinunzja, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-20 ta' Dicembru 2011, senjatament Artikoli 214 u 215 tal-Kapitlu 9 ta' Malta, u wara li rat ukoll Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u

b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Tenut kont ta' dak li nghad f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-fehma li m'hemmx lok ghalfejn ghandu jigi applikat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif mitlub mill-Prosekuzzjoni fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------